MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **8 ta' Ġunju 2020** **Ref: DDLTS 23/2020**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Is-Sur Keith Aquilina – Uffiċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali**

**Suġġett:** **Programmi tal-Edukaturi fil-Litteriżmu Diġitali estiżi għas-sena skolastika li jmiss**

---

Din is-sena skolastika, it-tim li jagħti appoġġ fl-iskejjel primarji fi ħdan id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali tal-Litteriżmu u Ħiliet Transversali kien qiegħed jappoġġja skejjel primarji tal-istat permezz ta' programmi li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-użu tat-teknoloġija għall-benefiċċju tat-tagħlim. Dawn il-programmi huma maħsubin għall-għalliema fl-iskejjel primarji bil-livelli kollha ta' esperjenza teknoloġika. Il-programmi għas-sena skolastika 2019-2020 kienu:

- Using Technology to Enable Learning (Year: 1, 2 & 3)
- Using Tablets To Promote Collaboration(Year: 4, 5 & 6)
- Using Tablets To Promote Creativity (Year: 4, 5 & 6)
- Tinkering & Making with Robotics (Year: 4, 5 & 6)

Minħabba l-għeluq tal-iskola u li l-enfasi waqgħet fuq it-taħriġ onlajn, dawn il-programmi tal-edukaturi li bdew din is-sena qegħdin jiġu estiżi għas-sena skolastika li jmiss. Fis-sena skolastika 2020-2021, it-tim tal-litteriżmu diġitali u l-ħiliet transversali li jagħti appoġġ fl-iskejjel primarji, se jkompli jipprovdi gwida u appoġġ pedagoġiku lill-edukaturi parteċipanti kollha dwar kif jiddisinjaw, jippjanaw u jimplimentaw l-użu ta' teknoloġiji diġitali disponibbli fl-istadji differenti tal-proċess tat-tagħlim. Wara kull attività, l-edukaturi huma mħeġġin jaqsmu u jibdlu bejniethom l-għarfien, ir-riżorsi u l-esperjenzi ma' parteċipanti oħra. L-edukaturi li jtemmu b'suċċess il-programm, se jingħataw ċertifikat għall-parteċipazzjoni u l-involviment tagħhom f'wieħed mill-programmi disponibbli. Aktar dettalji: https://sway.office.com/1etR8X84g5K070H8?ref=Link

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**